MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2283/2004

**Meli Car Rentals Limited**

**Vs**

**Achef Garboa**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm303.37 (tlett mija u tlett liri Maltin u sebgha u tletin centezmu) dovuti ghal danni kkagunati f’incident tat-traffiku.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-16 ta' Dicembru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fl-24 ta' Jannar 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------